SANTA LUĊIJA

**MINUTI – IS-SITT KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 29-14**

Illum it-Tnejn 23 ta' Ġunju 2014

Il-Kunsill iltagħqa fl-Uffiċċju Amministrattiv, 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija fl-4.30pm.

**PREŻENTI**

Is-Sindku Frederick Cutajar, u l-Kunsilliera: Joe Bonello, Caroline Galea u Victor Camilleri. L-Ambaxxatriċi għaż-Żgħażagħ, Claire Mamo ma kienetx preżenti għal din il-Laqgħa.

**ASSENTI**

Il-Viċi Sindku Terrence Ellul ma setax jattendi minħabba mpenji ta' xogħol.

**TALBA**

Is-Sindku qal it-talba.

**1. MINUTI**

Il-Minuti tal-Laqgħa numru 28-14 li saret nhar it-Tnejn 19 ta' Mejju 2014 ġew moqrija u approvati.

## 1.1 *Mill-Minuti*

### *1.1.1 Servizz ta' Watchmen fi Ġnien is-Serenita*

Il-Kunsilliera Caroline Galea rreferit għall-minuta 8.1 tal-laqgħa preċedenti u staqsiet jekk kienx hemm xi żvilupp dwar is-servizz ta' *watchmen* li qed jingħata f'dan il-ġnien. Is-Sindku nforma li kien kiteb lis-Segretarju Permanenti fil-Ministeru Għat-Trasport u Infrastruttura biex ikun jista jiltaqa' miegħu biex jiddiskuti din il-problema.

### *1.1.2 Ħinijiet tal-ftuħ ta' Ġnien is-Serenita'*

Il-Kunsilliera Caroline Galea rreferit għal ħin li fih qed jingħalaq il-ġnien u staqsiet jekk hemmx xi ċans li dan jingħalaq aktar fit-tard. Is-Sindku qal li l-problema hija li l-ġnien ma jistax jitħalla miftuħ mingħajr servizz ta' *watchman*. Huwa tenna jgħid li hemm bżonn li jew il-kunsill jingħata s-*security* jew il-fondi biex il-Kunsill ikun jistgħa jikri dan is-servizz.

### *1.1.3 Servizz ta' Ġbir ta' Skart Imħallat*

Il-Kunsillier Joe Bonello xtaq jesprimi is-sodisfazzjon tiegħu dwar is-servizz li qed jingħata mill-kuntrattur il-ġdid ta' l-ġbir ta' skart imħallat. Is-Sindku nforma li jirriżulta wkoll li l-*Eco Wardens* taw xi ċitazzjonijiet lil xi residenti li jħallu l-klieb iħammġu barra**.**

### *1.1.4 Tweġiba għall-Management Letter*

Il-Kunsillier Bonello rrefera għat-tweġiba tal-Kunsill fir-rigward tal-*management letter* li nbagħtet mill-Awdituri tal-Kunsill u qal li xtaq jgħid prosit tat-tweġiba tal-Kunsill għal kummenti li resqu l-awdituri.

# 2. KORRISPONDENZA

## 2.1 *Listi*

Lista tal-korrispondenza riċevuta u lista oħra tal-korrispondenza mibgħuta mill-Kunsill bejn id-19 ta' Mejju 2014 u it-23 ta' Ġunju 2014 ġew ippreżentati fil-laqgħa.

Kopja taż-żewġ listi ntbagħtu lil Kunsilliera kollha.

## 2.2 *Korrispondenza miġjuba għall-attenzjoni tal-Kunsill*

### 2.2.1 *Ittri mibgħuta mill-Kunsill:*

- 0627-14-O – Joseph u Spiridione Zammit – Ittra ta' Aċċettazzjoni
- 0655-14-O– Ministeru għat-Trasport u Nfrastruttura – Xogħol ta' *resurfacing* fi Triq Pensjeri u Triq l-Iris
- 0667-14-O – Segretarju Permanenti Ministeru għat-Trasport u Nfrastruttura – Sistema ta' Sigurta' fi Ġnien is-Serenita'
- 0710-14-O – *National Audit Office – Report on Management Letter*
- 0719-14-O – Ministeru Għall-Finanzi – Xogħol fi Triq Pensjeri u Triq l-Iris

### 2.2.2 *Ittri li rċieva l-Kunsill:*

- 0653-14-I – Resident – Trejqet iz-Zahar
- 0659-14-I – *Chapter 3 – Cultural Events*
- 660-14-I – Residenta – *Excessive Noise*
- 670-14-I – Ministeru għall-Edukazzjoni - Premju Frans Sammut
- 680-14-I – Dipartiment għall-Gvern Lokali – Premju Nazzjonali Ħaddiem tas-Sena 2014
- 692-14-I – Departiment tal-Kuntratti / DLG – Cirkulari 08-2014 u 09-2014
- 702-14-I – Dipartiment Għall-Gvern Lokali – Memo 15-2014 Posta Elettronika tal-Membri tal-Kunsilli Lokali
- 706-14-I – *China Cultural Centre – Chinese Summer Film Festival*
- 717-14-I – Assoċjazzjoni għall-Kunsilli Lokali – *Conference programme*
- 720-14-I – Kumitat tal-Festa Marija Annunzjata – Ittra ta' ringrazzjament
- 724-14-I – Reġjun Nofsinhar – Laqgħa tal-Valletta V18
- 727-14-I - MEUSAC – Sessjoni ta' Informazzjoni – Il-Medicini Għażla Aħjar Għalik

- 731-14-I – Dipartiment għall-Gvern Lokali – *Europe for Citizens*

**2.3** ***Rapporti u Dokumenti oħra ppreżentati lil Kunsill:***

- **Ħames kotba mgħotija lil Kunsill waqt il-varar ta' l-iskema għall-finanzjarjament ta' kotba għall-librerija**
- **SLLC Memo 07-2014 – Żjara ta' Kortesija mis-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali Dr Stefan Buontempo**
- **SLLC Memo 08-2014 – Tweġiba għall-*Management Letter***
- ***Report- Project: Reaction First International Event – Spittal an der Drau, Austria***
- ***Report- Project: Reaction Second International Event – Marghita, Romania***

**3. PUNTI MQAJMA**

**3.1** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0653-14-I is-Sindku rrefera għall-ilment li ressaq resident minn Trejqet iż-Żahar dwar il-*Bus Terminus*. Huwa qal li l-Kunsill huwa nfurmat li l-*Bus Terminus* reġgħa qed jopera minn Triq Guljetta Lopez.

**3.2** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0659-14-I il-Kunsill innota *e-mail* bl-informazzjoni dwar grupp ta' kantanti Chapter 3 li jistgħu jipparteċippaw f'attivitajiet kulturali li jistgħa jkollu l-Kunsill.

**3.3** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 660-14-I il-Kunsill innota ittra ta' residenta li lmentat minn storbju eċċessiv mill-isparar tal-festi. Fil-kummenti tiegħu l-Kunsill stqarr li l-permess jinħareġ mill-Pulizja u l-Kunsill jagħti n-*no objection* tiegħu sakemm kollox isir skond il-liġijiet tal-pajjiż.

**3.4** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 670-14-I is-Sindku nforma li l-Kunsill irċieva linji gwida u r-regolamenti għall-Premju Frans Sammut. Huwa qal li dan il-premju mniedi mill-Ministeru tal-Edukazzjoni, huwa maħsub biex jinfirex l-użu tajjeb tal-lingwa Maltija fil-ħidmiet li jwettqu l-entitajiet illistjati fil-korrispondenza u fl-iskejjel.

**3.5** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 680-14-I is-Sindku irrefera għall-avviż maħruġ mill-Ministeru għad-Djalogu Soċjali dwar il-Premju Nazzjonali

Ħaddiem tas-Sena 2014. Huwa qal li min jixtieq li jinnomina lil xi individwu għal dan il-premju għandu jinforma l-amministrazzjoni tal-Kunsill.

**3.6** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 692-12-I is-Sindku nforma dwar Cirkulari 08-2014 u 09-2014 maħruġa mid-Dipartiment tal-Kuntratti dwar kuntratti lil Gafa Saveways Ltd.

**3.7** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 702-14-I saret referenza għall-Memo 15/2014 dwar posta elettronica tal-Membri tal-Kunsill u s-Sindku nforma li min irid ineħħi dan l-*account* għandu jsegwi l-proċedura stabbilita' fil-*memo* imsemmija.

**3.8** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 706-14-I is-Sindku nforma l-Kunsill dwar ic-*Chinese Film Festival* li ser jittella'bil-kollaborazzjoni taċ-*China Cultural Centre* f'aħħar ġimgħa ta' Awwissu 2014.

**3.9** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 717-14-I is-Sindku nforma l-Kunsill li min hu nteressat jattendi għall-konferenza "*The Process and Implementation of Tourism Planning at Local Level"* għandu jinforma l-Amministrazzjoni tal-Kunsill.

**3.10** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 720-14-I il-Kunsill innota ittra ta' ringrazzjament mill-Kumitat tal-Festa Maria Annunzjata ta' Ħal Tarxien. Fl-ittra tiegħu dan il-kumitat irringrazzja lil Kunsill ta' l-għajnuna fl-organizzazjoni tal-festa.

**3.11** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 724-14-I ġie nutat li s-Sindku Frederick Cutajar kien ser jattendi għall-laqgħa Valletta 18 organizzata mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.

***3.12*** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 731-14-I il-Kunsill ma kienx interessat li jipparteċipa bħala *partner* fi proġett ta' *City of Gela* taħt il-programm *Europe for Citizens.*

## 4. KOMUNIKAZZJONIJIET

### 4.1 *European Cities Against Drugs*

Is-Sindku nforma l-Kunsill li l-*ECAD* kienet irrevediet il-*membership fees* għas-sena 2014 biex l-ammont dovut mill-Kunsill ta' Santa Luċija issa tegħla għall-€600.00 li hija 50% tal-*fees* sħiħa. Huwa spjega li l-Kunsill, bħala belt ta' anqas minn 10,000 abitant jistgħa jitlob li jibbenifika minn aktar tnaqqis biex l-ammont dovut jinzgħel sa €300.00. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

## 4.2 Football Nursery

Is-Sindku nforma l-Kunsill dwar proposta tal-*Football Nursery* li qed titlob biex in-*nursery* titmexxa bi sħab ma' l-Kunsill ta' Santa Luċija. Il-Kunsill iddiskuta din il-proposta u nnota li meta l-Kunsill kien daħal għall-ħlas ta' trasport tal-*Football Nursery* id-Dipartiment għall-Gvern Lokali kien waqfu milli jagħmel dan. Il-Kunsill innota wkoll li skond uffiċċjali ta' din in-*nursery,* diġa hemm xi Kunsill li qed jaħdem bħala partner mal-*Football Nursery* għaldaqstant ser ikun qed jidħol aktar fid-dettal dwar din il-proposta.

## *4.3 Management Letter*

### *4.3.1 Reaction Project*

Is-Sindku refera għal-kummenti ta' l-Awdituri dwar is-*subsistance allowance* li ngħatat lil membri tad-delegazzjoni uffiċċjali tal-Kunsill biex setgħu jipparteċipaw fil-Proġett *Reaction* li kien maqsum fuq tlett avvenimenti li saru barra l-pajjiż. Is-Sinkdu ppreżenta rapport dettalja imħejji mis-Segretarju Eżekuttiv dwar il-parteċipazzjoni tal-Kunsill f'dawn it-tlett avvenimenti li saru fl-Awstria, fir-Rumanija u fl-Italja. Dawn ir-rapporti jinkludu wkoll dettalji finanzjarji u revisjoni tas-*subsistance allowance* fejn kien hemm bżonn. Is-Sindku qal li jirriżulta li tħallsu xi ftus żejda u rrakomanda biex dawn jiġu reinbursed kif ġej:

- Avveniment Austria €45.00 kull parteċipant
- Avveniment Rumania €88.00 kull parteċipant
- Avveniment Italja €56.25 kull parteċipant

Il-Kunsill qabel li dawn għandhom jitħallsu lura.

## *4.4 Kiri tat-Tea Room*

Saret referenza għall-kuntratt tat-Tea Room u għall-*draft document* li ġie mħejji biex toħroġ sejħa pubblika. Il-Kunsill qabel li għandu jiġi stabbilit u inkluż fid-dokument tas-sejħa, l-ħinijiet tal-ftuħ u għeluq fir-rigward tal-operat ta' din it-Tea Room. Saret ukoll referenza għall-laqgħa preċidenti fejn kien ġie deċiż li l-ħlas dovut għall-użu tal-Ġnien bħala *venue* għal tiġijiet etc: minn €1000.00 jitla' għal €3000.00. Il-Kunsill qabel li din is-somma għandha tonqos għall-€2300.00. Il-Kunsill stabbilixxa wkoll li l-penali skond item 8(c) tal-dokument tas-sejħa għandha tkun ta' 250 euro. Is-Sindku qal li hemm bżonn li ssir valuation tal-project biex tkun tista issir *insurance* fuq il-post. Huwa qal ukoll li trid tiġi mħejjijha *siteplan* li tindika eżatt l-*area* tal-ġnien li ser tkun disponibbli għal min jieħu dan il-kuntratt ta' kiri tat-*Tea Room.*

### 4.5 *Servizz ta' Emergenza u kordinament ta' attivitajiet*

Is-Sindku tkellem dwar il-bżonn li l-Kunsill jikri servizz ta' emergenza kull meta l-ħaddiem tas-CIES impjegat bħala *watchman* fi Ġnien is-Serenita' jinżerta bill-*vacational leave* jew bis-*sick*. Huwa qal li l-Kunsill ma jistax iħalli l-ġnien magħluq għas-sempliċi raġuni li m'hemmx *watchman*. Għaldaqstant il-Kunsill qabel li meta tinqalgħa din is-sitwazzjoni l-Kunsill iħallas bir-rata ta' *minimum wage* għas-siegħat ta' servizz ta' emergenza.

Il-Kunsill approva wkoll il-ħlas ta' 25 euro lil kordinatur tal-ġnien waqt attivita' li saret bi ħlas skond il-*Bye-Laws* ta' Ġnien is-Serenita'.

### 4.6 *Attivitajiet tal-Kunsill*

Is-Sindku nforma l-Kunsill dwar diversi attivitajiet kulturali u soċjali li qed jiġu organizzati mill-Kunsill u ta xi dettalji dwarhom. Huwa tkellem b'mod partikulari dwar l-attivita' Serata Dokultura li ser tittella minn Chris u Maurice Micallef fi Ġnien is-Serenita'. Huwa qal li waqt din l-attivita' ser jiġi ppreżentat dokumentarju dwar il-Feniċi li rebaħ mhux anqas minn sitta u għoxrin *award* internazzjonali.

Is-Sindku semma wkoll attivita' li ser tiġi organizzata miċ-*China Cultural Centre* u l-Kunsill ta' Santa Luċija bl-isem ta *Guangxi Culture Day*. Huwa qal ukoll li f'Awissu ser jitella' ċ-*Chinese Film Festival* u f'Settembru ser isir iċ-*Chinese Moon Festival*.

Bħala attivita' soċjali s-Sindku qal li ser tiġi organizzata *Pasta Night* li ser issir fi Ġnien is-Serenita'.

Lista ta' dawn l-attivitajiet u d-dettalji tagħhom ser tintbagħt lil membri kollha tal-Kunsill.

### 4.7 *Citizens in Action*

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li *Heritage Enterprise* qed tgħin il-Kunsill jissottometti applikazzjoni taħt il-programme *Citizens in Action*. Huwa spjega li din l-applikazzjoni hija marbuta b'diversi temi nterressanti fosthom dik ta' l-isport li hija l-aktar waħda li tinteressa lil dan il-Kunsill. Huwa qal li qed issir proposta lil muniċipalita' ta' Vila-real fi Spanja biex jidħlu flimkien ma' l-Kunsill ta' Santa Luċija fuq din l-inizjattiva.

### 4.8 *Fixed Assets*

Is-Sindku rrakkomanda li *shredder* tal-Kunsill (Ref:SL-EO-12) li m'għadux jiffunzjona, jitneħħa mill-lista ta' l-assi tal-Kunsill biex din tkun tirrifletti l-*current assets* tal-Kunsill u tibqa tiġi riveduta minn żmien għal żmien.

## 5. AFFARIJIET FINANZJARJI

### 5.1 *Ħlas ta' pagamenti*

Approvazzjoni għall-ħlas ta' kontijiet permezz ta' ċekkijiet minn numru BOV 5079 sa numru BOV 5148 kif illistjati fl-iskeda tal-pagamenti għal perjodu bejn it-22-05-2014-u l-11-06-2014 (Skeda Nru. CM29).

Lista ta' *Schedule of Payments* intbagħtet lil Kunsillieri kollha flimkien mal-Minuti numru 28-14(19-05-2014)

### 5.2 *Approvazzjoni għall-Ħlas tas-Salarji*

Salarji għax-xahar ta' Mejju 2014 Ammont *Gross € 6098.48*

### 5.3 *Approvazzjoni għall-Ħlas ta' Kontijiet dwar Xogħolijiet bil-Kuntratt:*

| Kuntrattur | Kuntratt | Kont | Ewro |
|---|---|---|---|
| Ricky Caruana | RM/PF(57-12-02) | 20-2014 | 1154.25 |
| Ricky Caruana | RM/PF(57-12-02) | 21-2014 | 532.00 |
| Ricky Caruana | RM/PF(57-12-02) | 22-2014 | 84.55 |
| Ricky Caruana | RM/PF(57-12-02) | 23-2014 | 95.00 |
| Ricky Caruana | RM/PF(57-12-02) | 24-2014 | 169.10 |
| Owen Borg | SS(57-12-01) | Nru.25 Serv. Mejju 14 | 166.25 |
| Owen Borg | SS(57-12-01) | Nru.26 - Extra Work | 166.25 |
| Nexos Street Lighting | SL(57-09-04) | 2010640 | 1681.50 |
| Nexos Street Lighting | SL(57-09-04) | 2010630 | 710.16 |
| Ronald Bezzina | RC(57-10-01) | Nru. 49 Serv.April.14 | 2750.25 |
| Ronald Bezzina | RC(57-10-01) | Nru. 50 Serv.Mejju.14 | 2835.70 |
| Saviour Mifsud | PCA (57-11-06) | Nru.25 Serv.Jan.14 | 625.41 |
| Saviour Mifsud | PCA (57-11-06) | Nru.26 Serv.Frar.14 | 625.41 |
| Saviour Mifsud | PCA (57-11-06) | Nru.27 Serv.Marzu.14 | 625.41 |
| Saviour Mifsud | PCA (57-11-06) | Nru.28 Serv.April.14 | 625.41 |
| Koperattiva Tabelli u Sinjali | Sgns/Mkgs | 19413 | 4.19 |
| Koperattiva Tabelli u Sinjali | Sgns/Mkgs | 19412 | 348.44 |
| ELC Ltd. | PKG 57 | Nru.10688 Serv.Mejju 14 | 2061.50 |

## 6. JUM SANTA LUĊIJA

Il-Kunsill iddiskuta l-għoti ta' Ġieħ Santa Luċija għas-sena 2014. Bi qbil unanimu l-Kunsill qabel li din is-sena dan l-unur jingħata lil ex-Viċi Sindku s-Sur Joseph Balzan. Is-Sindku fakkar li s-Sur Balzan kien innominat għal dan il-premju sentejn ilu iżda dak inhar il-Kunsill kien ħass li dan ma kienx iż-żmien opportun peress li l-familja tas-Sur Balzan kienet għada fl-luttu. Is-Sindku qal ukoll li minn dak inhar sfortunatament il-mara tas-Sur Balzan mietet ukoll. Huwa kompla jgħid li issa wasal iż-żmien biex il-Kunsill jagħti rikonoxximent tal-ħidma li għamel is-Sur Balzan fil-kommunuta' ta' Santa Luċija, billi l-Kunsill jippreżenta dan il-Ġieħ lil uliedu is-Sur Balzan.

Is-Sindku ppropona wkoll li għall-ewwel darba din is-sena jingħata wkoll premju ieħor marbut ma' Jum Santa Luċija bl-isem ta' *Honorary Citizen*. Huwa ppropona li din is-sena dan il-premju għandu jingħata lil Direttur taċ-*China Cultural Centre* is-Sur Gu Hongxing, għal koperazzjoni tiegħu f'dik li hija ħidma kulturali ntiza biex iġib iż-żewġ popli eqreb lejn xulxin. Huwa ppropona wkoll li dan il-premju jingħata lil ex-*Economic Councillor*, Mr Liu Meikun, *the current Economic Councillor* Ms Qui Guangling and the Third Secretary Economic Councillor's Office Mr Qidong Shi li l-ħidma tagħhom kienet fondamentali biex l-implimentazzjoni tal-proġett ta' rinovazzjoni ta' Ġnien is-Serenita' kien suċċess. Il-Kunsill unanimament qabel ma' din il-proposta.

Il-Kunsill qabel li Jum Santa Luċija għandha tiġi ċelebrata waqt quddiesa ta' ringrazjament li matulha jitqassmu l-premjijiet hawn fuq imsemmija. Din il-quddiesa għandha ssir it-Tnejn, 7 ta' Lulju 2014 fis-6.30p.m. fil-knisja parrokjali San Piju X. Wara għandha ssir ikla ta' l-okkazzjoni li għaliha jiġu mistiedna l-Kunsill u l-istaff, il-persuni hawn fuq imsemmija u voluntiera li jaħdmu mal-Kunsill is-sena kollha.

## 7 XOGĦOIJIET

### *7.1 Xogħol ta' Manutenzjoni fi Triq Prinjoli*

Is-Sindku qal li kien talab kwotazzjoni għal xi xogħol ta' manutenzjoni u tisbiegħ fi Triq Prinjoli fejn kien hemm il-*Bring in Site*. Huwa qal li dan ix-xogħol jikkonsisti fi tneħħija ta' siġra salvaġġa li tegħlet fuq ċanta fl-*area* msemmija u li taħta jintrema' u jinġabar kull tip ta' skart. Huwa qal li ser issir il-manutenzjon taċ-ċint li jdawwar din iċ-ċanta u l-wiċċ tagħha jingħata l-konkos biex ikun jistgħa jinżamm aktar nadif u organizzat. Il-Kunsill approva l-kwotazzjoni ta' €1155.00 li qed tintalab mill-Kuntrattur tal-Kunsill għal dan ix-xogħol.

### 7.2 Triq il-Ġnien

Is-Sindku nforma l-Kunsill li nhar it-Tlieta 24 ta' Ġunju l-Kuntrattur kellu jibda ix-xogħol rikjest mill-Koperazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma fi Triq il-Ġnien.

## 8. TMIEM/AĠĠORNAMENT

Il-Laqgħa ntemmet fis-6.30p.m.

Il-Kunsill jerġa' jiltaqa' nhar il-Ġimgħa, 25 ta' Lulju 2014 fis-1.00p.m.

**Caroline Silvio**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Approvati llum <u>...................,...... ta' ...................... 2014</u>**

**Frederick Cutajar**
**Sindku**